



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

0010/2014

## DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar id-dritt għall-kultura bħala dritt fundamentali taċ-ċittadini tal-UE

**Lidia Joanna Geringer de Oedenberg (S&D), Gianni Pittella (S&D),  
Miguel Angel Martínez Martínez (S&D), Isabelle Durant (Verts/ALE),  
Jim Higgins (PPE), Jiří Maštálka (GUE/NGL), Hannu Takkula (ALDE),  
Sophocles Sophocleous (S&D), Marie-Thérèse Sanchez-Schmid (PPE),  
Martina Michels (GUE/NGL), Milan Zver (PPE), Richard Falbr (S&D),  
Csaba Tabajdi (S&D)**

Data ta' skadenza: 16.4.2014

**Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament,  
dwar id-dritt għall-kultura bħala dritt fundamentali taċ-ċittadini tal-UE<sup>1</sup>**

1. Hemm bżonn li l-patrimonju kulturali tal-UE jitħares u jiġi promoss; il-kultura għandha ssir aċċessibbli għal pubbliku aktar estensiv, u dan imbagħad irawwem arrikkiment kulturali u jtejjeb il-kundizzjoni tas-soċjetà moderna;
2. Is-setturi kulturali u kreattivi kienu jirrappreżentaw kważi 4,5 % mill-PDG tal-Unjoni fl-2010 u ħolqu 8,5 miljun xogħol fl-UE; għaldaqstant huma fattur ta' tkabbir importanti li jikkontribwi xxi għall-iżvilupp tat-teknoloġija moderna u l-politika ta' innovazzjoni;
3. Skont id-Direttiva 2003/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 dwar l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku<sup>2</sup>, it-tiftiħ estensiv tar-riżorsi pubbliċi (inkluż tal-patrimonju kulturali) għandu l-potenzjal li jiġġenera kważi EUR 40 biljun fi dħul fis-sena u l-kisbiet ekonomiċi diretti u indiretti totali madwar l-UE jistgħu jilhqqu massimu ta' EUR 140 biljun fis-sena;
4. L-aċċess għall-kultura, fis-sens wiesa', huwa kruċjali għall-inklużjoni soċjali taċ-ċittadini tal-UE u l-inklużjoni kulturali tax-xju, il-minoranzi etniċi u r-residenti tal-inħawi rurali jew periferiċi, peress li jippermettilhom jieħdu sehem fil-kultura u fit-tagħlim tul il-ħajja, kif ukoll isibu xogħol;
5. Id-dritt għall-kultura huwa dritt fundamentali taċ-ċittadini tal-UE li jmur lil hinn mid-dritt għal edukazzjoni u għal kura tas-sahħha, u għandu jinftiehem u jiġi rikonoxxut bħala d-dritt għal parteċipazzjoni attiva fil-kultura, irrispettivament mir-restrizzjonijiet soċjali jew ġeografiċi, u bħala opportunità għal żvilupp kulturali, irrispettivament mill-kapaċità intellettwali ta' persuna;
6. L-appell li qed isir lill-Kummissjoni hu biex tippromwovi l-parteċipazzjoni attiva taċ-ċittadini tal-UE fil-kultura u tħeġġeġ lill-Istati Membri jidu l-investiment tagħhom f'dan is-setturi;
7. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kummissjoni.

---

<sup>1</sup> Bi qbil mal-Artikolu 123(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.

<sup>2</sup> ĠU L 345, 31.12.2003, p. 90.